MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 168/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta nhar it-8 ta' Lulju 1995 fl-Ingilterra (DOK A).

U miz-zwieg taghhom ghandhom tifel minuri li jismu Z (DOK B).

U li l-hajja mzzewga bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba abbandun, ingurji gravi, eccessi, mohqrija, thedded kif ukoll peress li z-zwieg tkisser irremedjabilment u dan kollu minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

U li l-attur talab il-permess ta’ din l-Onorabbli Qorti sabiex jghaddi ghas-separazzjoni personali tieghu mill-konvenuta liema permess inghata permezz tad-digriet nru: 86/05 ta’ l-1 ta’ Frar 2005 (DOK C).

U li l-konvenuta qabdet u telqet mid-dar matrimonjali f’Malta u telqet bit-tifel b’kollox (siefret).

U li ibnu minuri kien stabbilixxa ruhu Malta fejn kien imur l-iskola u anke ghamel hafna hbieb u hu fl-ahjar interess ta’ ibnu li dan jghix f’Malta.

U li l-konvenuta ma rieditx taf b’rikonciljazzjoni.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri C lill-attur u dan fl-ahjar interessi ta’ l-istess minuri.

3. Tiddikjara li l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti diga giet xolta u maqsuma bejn il-partijiet.

4. Tapplika l-artikoli 48 u 52 tal-Kodici Civili kontra l-konvenuta.

5. Tordna li l-attur u ibnu minuri ‘l fuq imsemmija jghixu fid-dar matrimonjali u cioe’ ad eskluzjoni tal-konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dottor Leslie Cuschieri u l-P.L. Victor Bugeja nomine ipprezentata fit-30 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha eccepew;

1. Illi b'digriet tal-25 ta' Mejju, 2005, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti B.

2. Illi din il-Qorti ghandha taghti dawk il-Provvedimenti in rigward tar-rapprezentanza tal-minuri C f'din il-kawza.

3. Illi huma m'ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata, mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz, u ghalhekk jirrizervaw li jeccepixxu ulterjoment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta'l-attur u omissis.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawza ta' separazzjoni fejn l-attur qed jitlob id-dikjarazzjoni ta' separazzjoni minn ma' martu. Il-kawza ma tippresenta ebda diffikoltajiet ghaliex jirrizulta li l-konvenuta telqet minn Malta u l-attur ma jafx fejn qeghda;

ghalhekk il-Qorti ma kellha quddiemha ebda raguni ghaliex telqet mid-dar, hlief li hassitha *home sick.* Mill-provi jirrizulta ukoll li l-konvenuta hadet il-minuri barra minn Malta minghajr il-kunsens tal-attur li kien minghalih li hija sejra btala. Il-Qorti, konvinta mill-provi li tressqu illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li jibqa' jghix ma' missieru billi skond l-attur il-konvenuta qed ikollha l-kura ghall-problemi ta' natura mentali.

Dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti jidher li din gia' giet maqsuma u kulhadd ha sehmu.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attrici u ghalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;**

**2. taffida l-kura u kustodja tal-minuri C lill-attur;**

**3. tiddikjara mitmuma l-komunjoni tal-akkwisti bejnithom b'effett mill-31 ta' Jannar, 2005 u li din ma kienet tikkonsisti f'ebda attiv jew passiv izda ghal kull buon fini tiddikjara li kull ma ghandhom il-partijiet f'isimhom inkluz kontijiet bankarji huma proprjeta' taghhom;**

**4. tapplika l-effetti ta' l-Artikoli 48 u 52 tal-Kapitolu 16 fil-konfront tal-konvenuta;**

**5. tawtorizza lill-attur u l-minuri jabitaw esklussivament fid-dar konjugali.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenuta izda l-attur ghandha provizorjament thallas id-drittjiet u spejjes tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------